MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 806/1999/1

**Maltcom PLC**

**Vs**

**Francis Farrugia u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2006 il-Qorti awtorizzat il-kjamat in kawza ta' Annetto Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lis-socjeta attrici (li b'att tal-Parlament qieghda tissostitwixxi dik li qabel kienet maghrufa bhala l-Korporazzjoni Telemalta) is-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm625.46) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni man-numru tat-telephone 805037 (skond kif jirrizulta mid-dokument A), liema servizz gie installat mill-Korporazzjoni Telemalta fil-fond 21, South Alley, Zabbar, skond ma kif

jidher mill-kopja tas-service agreement anness mad-dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Awissu 1998, tat-taxxa fuq l-valur mizjud nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-annessi Dok A u Dok B a fol 2 u fol 3 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, l-esponenti qatt ma kellu xi relazzjoni guridika ma Maltacom PLC stante illi din il-kumpanija hija nezistenti u ghaldaqstnat jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, Francis Farrugia, l-konvenut, ma ghandu jaghti l-ebda ammont lis-socjeta attrici stante illi huwa Annetto Mifsud ta' 71 Triq Dun Gwann Cilia Qormi numru tal-karta ta' l-identita 797652(M) li ghandu jaghti l-ammont indikat fl-avviz precitat u dan kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u markati Dok A u Dok B rispettivament ghal liema raguni l-esponenti jitlob (i) il-kjamata fil-kawza ta' l-istess Annetto Mifsud u (ii) li huwa jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat kif ukoll id-dokumenti esebiti minnu a fol 7 u fol 8 markati Dok A u Dok B.

Rat illi l-konvenut hallas akkont ta' Lm50 u Lm25 kif jidher a fol 12 u fol 13 tal-atti.

Rat dak verbalizzat a fol 13, 15 u 19 tal-atti kif ukoll l-iskrittura esebita, b'nota mill-konvenut a fol 27 tal-atti u d-dokument a fol 28 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, in riassunt, milla-tti jidher illi il-provi, prodotti mill-partijiet jikkonsistu biss f'dokumenti u dan kif ser jinghad:-

a) Dok A a fol 2 konsistenti fi "statement" pjuttost abbrevjat, in rigward l-ammont pretiz fl-avviz (fol 2 tal-atti).
b) Kopja tal-applikazzjoni, bid-data tad-19 ta' Jannar 1988 u ffirmata minn "Francis Farrugia" bil-karta tal-identita' numru 273461 (M) u dan in rigward ir-"retention" tas-servizz tat-"telephone" fil-post specifikat fl-avviz (fol 3 tal-atti).
c) Zewg dokumenti annessi man-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u markati minn Dok A u Dok B a fol 7 u 8 tal-atti. L-ewwel dokument jikkonsisti fi skrittura bid-data tal-14 ta' Ottubru 1999 maghmula u ffirmata minn Annetto Mifsud ma martu Rose u l-konvenut. Permezz ta' din l-iskrittura, li ghaliha s-socjeta attrici hi estranea, Annetto u Rose Mifsud iddikjaraw illi l-kontijiet pendenti vis-à-vis l-istess servizz ta '"telephone" jispettaw lilhom ghar-raguni hemm indikata u b'hekk obbligaw ruhhom li jhallsu dawn il-kontijiet u "jindennizzaw" ghal kull fini lil komparenti Francis Farrugia. It-tieni dokument hu ftehim bil-miktub bejn il-konvenut u s-socjeta attrici u li jgib id-data tal-15 ta' April 1998 u li bih l-istess konvenut inghata l-fakolta mis-socjeta attrici li jhallas "on credit terms" kont ammontanti ghal Lm666.96 fi zmien erbatax-il xahar b'pagament immedjat ta' Lm50 u rati mensili ta' Lm50. Fl-istess skrittura iffirmata jinghad testwalment "You are assuming liability as co- debtor together with the relative subscriber …." u "Failure on your part to settle these instalments on the dates indicated will mean that we will be obliged to institute legal proceedings to recover the amount due". Dwar dawn il-pagamenti hemm verbalizzat a fol 12 ibid illi l-konvenut hallas akkont Lm50 f'Jannar 2000 u akkont ulterjuri ta' Lm25 qabel jew matul Mejju 2000.
d) A fol 15 tal-atti, is-socjeta attrici informat lill-Qorti illi "Mill-file relattiv, ma jidhirx li kien hemm ftehim bejn il-konvenut u Annetto Mifsud bis-(mis-)socjeta attrici bhala parti fih".

e) Permezz ta’ nota a fol 26 u fol 27 tal-atti (ara ukoll fol 19 ibid), il-konvenut esebixxa kopja ta’ ftehim bejn is-socjeta attrici u Annetto Mifsud u li jgib id-data tad-9 ta’ Novembru 2001 cjoe wara l-presentanta tal-istess avviz liema ftehim kien jirreferi ghall-istess servizz ta’ “telephone” u hu intestat “Payment Programme Agreement”. Permezz tal-istess skrittura jidher li s-socjeta attrici accettat illi Annetto Mifsud, bhala “co-debtor together with the relative subscriber”, ossija il-konvunet odjern, jhallas l-ammont ta’ Lm607.06 fi zmien sentejn u skond ir-rati hemm miftehma. Minn dokument iehor esebit a fol 28 mal-istess nota jidher li difatti Annetto Mifsud hallas “on account” is-somma ta’ Lm30.
f) Bhala konsegwenza ta’ dan il-fatt, wara li l-Qorti kienet iddiferiet din il-kawza ghas-sentenza, Hi kienet issospendiet il-prolazzjoni taghha u b’digriet moghti fil-5 ta’ Mejju 2006 (fol 41 ibid) kienet, fuq talba tal-istess socjeta attrici (fol 40 ibid) akkoljiet it-talba ghall-kjamata fil-kawza tal-istess Annetto Mifsud.
g) Dan tal-ahhar, avolja gie debitament notifikat skond il-ligi, bl-avviz in esami (ara fol 43 “a tergo’’) bl-ebda mod ma kkontesta t-talba attrici (ara fol 46 ibid)) u gie presentat kapitolu a subizzjoni tieghu (fol 47 ibid). Fis-seduta ta’ wara (ara fol 48) l-istess kjamat ghal kawza ma kienx deher.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jidher li permezz tal-ftehim hawn fuq specifikat miftiehem waqt dawn il-proceduri u li jinsab a fol 27 tal-atti Annetto Mifsud, li baqa’ kontumaci f’dawn il-proceduri, kien assuma r-responsabilta sabiex jhallas l-ammont ta’ Lm607.06 in konnessjoni mas-servizz imsemmi fl-avviz u dan bhala ko-debitur flimkien mal-konvenut originali. Inoltre kien gie koncess lill-istess Annetto Mifsud illi jhallas l-istess ammont b’rati mensili ta’ Lm25 minn Dicembru 2001 oltre hlas ta’ Lm30 mal-istess ftehim, liema pagament kien sar kif jidher a fol 28 ibid.

Illi jidher li, in rigwared l-ammont pretiz fl-avviz, dak dovut, filfatt, jammonta, sallum, ghal Lm577.06,0 mill-liema ammont pero’ ghandhom jitnaqqsu ulterjorment Lm75 kif

hemm verbalizzat a fol 12 u fol 13. Ghalhekk il-bilanc dovut jammonta ghal Lm502.06.

Illi fil-fehma ta'din il-Qorti,dan l-ammont hu dovut nofs (1/2) kull wiehed minn Francis Farrugia u Annetto Mifsud u dan stante li ma jistax jinghad illi l-istess ammont hu solidalment dovut minnhom. Difatti, ma jidhirx, mill-istess ftehim a fol 27 ibid illi Francis Farrugia kien parti fih u bl-ebda mod ma' jissemma illi d-debitu inesami hu dovut "in solidum". Dwaru l-Qorti tara li dan hu forma ta' movazzjoni taht l-artikolu 1179(b) billi gie sostitwit id-debitur l-antik limitatament biss ghal nofs id-debitu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici kif hawn fuq premessi u tikkundanna lil Francis Farrugia u Annetto Mifsud sabiex jhallsu lis-socjeta attrici nofs (1/2) kull wiehed bejniethom, is-somma totali ta' Lm502.06 bl-imghax legali mill-20 ta'Awissu 1998 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu 1998 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni ma drittijiet professjonali dawn ukoll jithallsu nofs (1/2) kull wiehed mill-istess konvenut u kjamat fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------